MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Numru 1126/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**EMANUELE BORG**
**PETER RANIERO BORG**
**GIORGIO MARINO**
**PETER PAUL SPITERI**
**WILLIAM SCIBERRAS**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuele Borg ta’ 52 sena bin il-mejjet Joseph u Emelda nee’ Borg, mwieled Rabat Malta fis-27 ta’ Awissu 1953, residenti fil-

fond nru. 16, Triq Lia Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 622553M;

Kif ukoll lil:

Peter Raniero Borg ta' 46 sena bin Anthony u Pauline nee' Vella, mwieled il-Belt Valletta fit-30 ta' Jannar 1959, residenti fil-fond 'Tamaran' nru. 12, Triq Oliver Agius Attard u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 122759M;

Kif ukoll lil:

Giorgio Marino ta' 44 sena bin Carlo u Antonina nee' Marino, mwieled Trapani Sqallija fil-25 ta' Lulju 1961, residenti fil-fond 'Josephine Court' Flat nru. 3, Triq il-Bajja Marsaskala u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 8520A;

Kif ukoll lil:

Peter Paul Spiteri ta' 36 sena bin Anthony u Maria Stella nee' Camilleri, mwieled Pieta' fl-1 ta' Lulju 1969, residenti fil-fond nru. 59A, Triq il-Kitarristi Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 273069M;

Kif ukoll lil:

William Sciberras ta' 27 sena bin Eric u Catherine nee' Cassar, mwieled Attard fil-25 ta' Mejju 1979, residenti fil-fond nru. 21, Triq San Guzepp Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 266579M gew akkuzati talli fis-27 ta' Awissu 2005 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe':

(a) f'Malta u/jew fl-ibhra territorjali jew fiz-zona kontigwa ta' Malta xjentement, jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti kkagunaw dannu lil jew qerdu propjeta' kulturali sew jekk tali propjeta' kulturali tkun sew jekk ma tkunx registrata f'xi inventarju skond l-

Att Dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) ghamlu attivita' jew inkella agixxew bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew tal-kondizzjonijiet ta' licenza jew permess mahrug taht l-istess Att jew naqsu milli jaghmlu xi haga li kienu mehtiega li jaghmlu taht dan l-istess Att, regolament jew licenza;

(c) Huma akkuzati wkoll talli rcevew jew iddetenew propjeta' kulturali filwaqt li kienu jafu li din kienet tnehhiet illegalment f'Malta jew li tkun giet illegalment esportata minn xi pajjiz;

(d) U aktar f'l-istess perijodu u cirkustanzi, ghamlu skavi u esplorazzjonijiet arkeologici jew paleontologici f'l-ibhra territorjali jew fiz-zona kontigwa ta' Malta minghajr permess bil-miktub tas-Sovrintendent meta l-istess skavi u esplorazzjonijiet arkeologici jew paleontologici f'l-ibhra territorjali jew fiz-zona kontigwa ta' Malta jistghu isiru biss mis-Sovritendent jew bil-permess bil-miktub tas-Sovritendent u skond kull kundizzjoni annessa mieghu;

(e) Qeghdin jigu akkuzati wkoll talli f'l-istess perijodu u cirkustanzi, hekk kif skoprew, anke jekk accidentalment, xi oggett, sit jew bini, naqsu li jgharrfu minnufih lis-Sovrintendent bl-iskoperta ta' dan l-oggett, sit jew bini li dwarhom japplika dan l-Att skond ma hemm fl-artikolu 3 ta' l-istess Att.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li fid-dawl ta' dak li xehed illum fid-deposizzjoni tieghu l-Espert Nathaniel Cutajar inkwantu dak previst fis-sub-artikolu 53(3) tal-Kap. 445 tal-Ligijiet ta' Malta tali provvediment ma japplikax fil-kaz odjern u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli taghti l-provvediment previst fl-imsemmi sub-artikolu 53(3) tal-Kap. 445 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati kollha l-artikoli 43(1) u (2) u 53(1)(a), (b) u (e) tal-Kap. 445 u l-artikoli 18, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Emanuele Borg, Peter Raniero Borg, Giorgio Marino, Peter Paul Spiteri u William Sciberras, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali ta' kull imputat, li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u qieset fil-konfront ta' kull imputat l-ispejjez ghall-konservazzjoni maqsumin ghan-numru tal-oggetti migjuba minn kull individwu (ara Dok NCP1 – relazzjoni tal-Espert Nathaniel Cutajar) inkwantu ghall-imputat Emanuele Borg, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi imputat Emanuele Borg ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza inkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum l-imputat Emanuele Borg jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, inkwantu ghall-imputat Peter Raniero Borg, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi imputat Peter Raniero Borg ghall-piena ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza inkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Peter Raniero Borg jikkommetti

reat iehor punibbli bi prigunerija, inkwantu ghall-imputat Giorgio Marino, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi imputat Giorgio Marino ghall-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza inkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Giorgio Marino jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, inkwantu ghall-imputat Peter Paul Spiteri, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi imputat Peter Paul Spiteri ghall-piena ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza inkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum l-imputat Peter Paul Spiteri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, u inkwantu ghall-imputat William Sciberras tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) multa.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputati Emanuele Borg, Peter Raniero Borg, Giorgio Marino, Peter Paul Spiteri u William Sciberras ihallsu minnufih bejniethom f'partijiet ugwali lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' sitt mija u tnejn u disghin Liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm692.12c) rappresentanti l-ispejjez inkorsi rigward l-inkarigu tal-esperti nominati fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB1.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti formalment bhala Dok MMM1 mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Michael Mallia fis-Seduta tallum, liema oggetti huma elenkati fid-dokument indikat bhala Dokument No. 1 anness mar-relazzjoni tal-Espert Nathaniel Cutajar, liema relazzjoni hija esebita bhala Dok NCP1, u tordna li dawn l-oggetti kollha jinzammu taht il-kura tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

Il-Qorti, fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum li fid-dawl ta' dak li xehed illum fid-deposizzjoni tieghu l-Espert Nathaniel Cutajar

inkwantu dak previst fis-sub-artikolu 53(3) tal-Kap. 445 tal-Ligijiet ta’ Malta tali provvediment ma japplikax fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tastjeni milli taghti l-provvediment previst fl-imsemmi sub-artikolu 53(3) tal-Kap. 445 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilqa’ t-talba u tastjeni milli taghti l-provvediment previst fl-imsemmi sub-artikolu 53(3) tal-Kap. 445 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre l-Qorti qed taghti lill-imputati Emanuele Borg, Peter Raniero Borg, Giorgio Marino u Peter Paul Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------